# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IT-2 TA SETTEMBRU, 1913. NRU. 80.


*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħhom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Aħbar.

Nhar is-sibt li gej, fis-7 ta bil lejl, fl' *Unjoni Cattolica*, issir it-*Tifchira tar-Rebħa tat-8 ta Settembru*, għal-l'Imsieħbin, b' *Taħdita* bil Malti, li jagħmel is-Sur Ġann Mifsud Bonici, P. P., mistieden mil Cumitat.

L'Imsieħbin jistgħu jieħdu maħhom il ħbieb.

Icun hemm ucoll mużica (il *Mandolinistica tal Unjoni*, li tiżżanżan dic il lejla) u ħaġ'oħra sabiħa!

## Li Storja tal Papiet.

III.

### San Cletu.

Dâm Papa 12 il sena, xahar u ħdax il jum. Giè magħmul fis-sena 78—miet fis-sena 90.

It-tielet Papa li ħachem il Cnisja ta Gesù Cristu chien San Cletu. Imnissel minn Ruma, mgħallem minn San Pietru, San Cletu, bin Emiljanu, sâr Papa fis-sena 78 ta Cristu. Tas-seŭ li xi chittieba iħalltu dan il Papa mal Papa l'ieħor Sant'Anacletu: imma, scond ma chienu igħidu ir-Rumani antichi, dana il Papa huŭa Papa divers mil Papa l'ieħor li sâr ŭara San Clement I. Imnissel minn gedd nobbli, San Cletu chien ictar nobbli għall'umiltà tiegħu, tant li għamel chemm felaħ biex ma isirx Papa. L'eŭŭel ħsieb tiegħu, malli sâr Papa, chien li igħin chemm jista' icun id-dîn nisrani. Bl'impenn u tħabric tiegħu irnexxielu jara b'ferħ cbir ta kalbu bosta gentili iħaddnu id-dîn tiegħu u iħallu il Paganesmu. Fi żmienu chien li dehru bil virtù imżejjna Santa Teòdora, Sant'Eŭfrosina, Santa Fortunata u Santa Domitilla. Imma tempesta oħra xejn inkas kalila kamet contra l'insara fiż-żmien li chien Papa huŭa. Il ħruxija tat-tiranni chienet lesta biex tistgħadar fid-demm tal insara. Cletu li ra mil bgħid x'chellu isir ħeġġeġ l'uliedu biex ihejju ruħhom għall battalja. Mil ctieb imsejjaħ tal *Pontificali*, (jigifieri ctieb tal Papa) ngħarfu illi scond ma chien ordnalu San Pietru, huŭa għamel 25 kassis u kassmilhom bejniethom il belt biex jieħdu ħsiebha.

San Cletu chien diġà sofra it-turrufnament u castighi oħrajn, iżda fit-tbatija u fit-tormenti chien ictar jitkaŭŭa u jintela bil curaġġ. Il carità tiegħu lejn il proxxmu dehret tas-seŭ cbira meta geŭŭa Ruma pesta l'ictar ħarxa kerdet bosta nies, chif ucoll meta innar għamel irmied bosta djar u palazzi. Chien fi żmien dan il Papa, meta il Vessuvju radam taħt il gebel u ir-irmied li ŭaddab l'ibliet ta Ercolanu u Pompej, ŭakt li il poplu chien mgħedi fi pjaciri l'ictar disonesti. Chien fi żmienu li San Ġuda Taddeŭ, San Filippu, San Xmun u San Tumâs (erbgħa mittnax l'Appostlu), ŭara li ippriedcaŭ f'bosta bliet u ħabbru il Fidi lill bosta popoli, ħâdu il martirju. Iz-zelu ta San Cletu xejn ma chien inkas minn dac tal. Appostli. Imkankla il persecuzzjoni ta Domizjanu, huŭa giè imneħħi minn kalb uliedu ŭara li sofra cull xorta ta martirju fis-sena 90 ta Cristu u giè midfun fil Vatican, ħdejn San Pietru u San Linu, li chif rajna chienu Papiet kablu.

Natu kima lil dan il Papa li deher tant cbir fil Cnisja ta Gesù Cristu, li żamm bl'imħabba it-tŭemmin tad-dîn nisrani, li chien fl'istess ħin għaref u ta kdusija cbira. San Cletu miet ŭara li xerred demmu għal Gesù Cristu: imma demmu chien żerriegħa ta insara ġodda.

CAP. A. BONANNO.

## Il Pregiudizzi contra il Kassisin.

L'apprezzamenti tar-ragjuni tagħna fuk il ħŭejjeġ li jifformaŭ l' oggett tar-riflessjoni taħħa, isiru b'żeŭġ manieri: bil môd, bil qŭiet, inchella ŭara serju eżami tal ħŭejjeġ li minnhom kiegħda tittratta; u fuk fuk, jeŭ mingħajr ma teżaminaha u tkisha bl'attenzjoni meħtieġa. L'eŭŭel apprezzamenti jissejjħu *giudizzi* tal moħħ tagħna, u actarx imissu, jolktu fis-seŭŭa; it-tieni jissejjħu *pregiudizzi*, u actarx ma jakblux mas-seŭŭa. Dina il condotta tar-ragiuni tagħna tigi ivverificata fil ħŭejjeġ collha tar-religion ucoll, u għalhecc fir-rjus tal bniedmin jinsabu *giudizzi* u *pregiudizzi* ta cull xorta. Il giudizzi huma tajjba; il pregiudizzi le, u actarx ħżiena il pregiudizzi religiusi, għaliex jaħbu dina il catina sabiħa li tgħakkad il creaturi mal creatur taħħa, is-serv mal padrun taħħa, is-suddituar-Re, il bniedmin m'Alla; u jecc hu veru li qualunque pregiudizzju jiġu miegħu conseguenzi coroħ; u tas-seŭŭa ucoll li il pregiudizzi religiusi huma actar coroħ mill'oħrajn: għalhecc fettilli nidħol għal dana ix-xogħol li m'hu xejn ta idejja! Imma, daks chemm îli nixtiek jinkala xi ŭieħed li jicteb fuk daŭna il pregiudizzi, nittama m'intomx sejjrin tlumuni jecc fl'aħħar għidt bejni u bejn ruħi: u x'irid icun? Għal issa nitkanna u nagħmlu jen dan ix-xogħol; b'rieħet hecc, għad xi ħadd ieħor jicteb aħjar mini. Jena sejjer nagħmilha ta avucat difensur tal kassisin, u għalhecc tiegħi stess. U billi xi uħud mil pregiudizzi igibu dannu cbir lill'erŭieħ u lill glorja t'Alla, jena inħoss id-dmir li nurihom il falsità taħħom, u contra daŭn il pregiudizzi jena nitchellem haŭn.

Kabel nuricom il pregiudizzi li kiegħdin ixterrdu fuk il kassisin, jidhirli xierak inticom ir-ragiuni li għaliha bosta nies jitchellmu contra taħħom.

Nissoponu li aħna ninsabu fi Cnisia kiegħdin nisimgħu il kuddiesa, ilcoll għandna il cunxienza civilment nadifa, ilcoll kiegħdin seŭŭa kuddiem il ligi civili, barra minn tlieta (ŭieħed serak, u għandu f'butu dac li serak; l'ieħor fi ġlieda tà dakka ta sicchina lil bniedem, u għandu fuku l'arma mċappsa bid-demm; it-tielet jaf li ħareġ contra tiegħu il mandat tal arrest). Hecc chif spiċċat il kuddiesa u ħiergin barra, nilmħu żeŭġ polizjotti, ŭieħed lejn in-naħa tal lemin, l'ieħor lejn in-naħa tax-xellug, li kiegħdin josservaŭna b'rekka cbira. Aħna mistagħgbin b'daŭc il polizjotti f'dac il ħin, u fil bieb tal Cnisja: iżda ħadd minnhom ma beżżagħna, u ŭisk actar nicriticaŭhom; u nżid ngħid li nsellmulhom b'sinjal ta kima... Daŭn il polizjotti huma għalina ta garanzija contra il ħallelin u il briccuni.... Imma il ħalliel, u dac li tà id-dakka ta sicchina, u dac li għaliħ ħareġ l'arrest, hecc chif lemħu il polizjotti, ħasseŭ tchexchixa tal bard: ŭiċċhom tbiddel, u bdeŭ ighergru: x'jiġu jagħmlu kaŭn daŭna il polizjotti? Il mingħul jieħodhom minn haŭn?—Intom tistkarru li dan hu veru; iżda għaliex, daŭna it-tlieta min-nies, incurlaŭ contra il Pulizija, u aħna isellmulha bir-rispett? Il Pulizija tippresenta il Gvern, tant għalina chemm ucoll għal daŭc it-tlieta min-nies? Intom tgħiduli, għaliex il Pulizjia hi arma difensiva għalina; għat-tlieta l'oħra hi arma esecuttiva tal Giustizzja. Daŭna hecc chif jilmħu il Pulizija, jaraŭ malajr il periculu li jiġu arrestati, u dan il periculu iġagħlhom jobogħduhom u jixtiekulhom id-deni. Intom tgħidu seŭŭa; il Pulizija hi rispettata minnies it-tajjba: hi mibgħuda mil ħallelin, minnies ħżiena li għandhom il cunxenza civilment maħmuġa. U għalhecc mita naraŭ bniedem jitchexchex kuddiem il Pulizija, inchella nisimgħuħ jitchellem contra taħħa, ma nagħmlux giudizzju temerarju jecc niġgiudicaŭħ ħati ta xi delitt.

Il kassisin bil ministeru sagru li għandhom, ikarru, jippriedicaŭ, jamministraŭ is-Sagramenti, iŭissu li scandalusi, bil libsa li igibu fukhom huma bħal Pulizija għaliex jissorveljaŭ fuk l'osservanza tal ligi t'Alla u tal Cnisja, bħalma huma il polizjotti li jissorveljaŭ fuk l'osservanza tal

Ligi civili; il fidili għar-Religion jitkassmu bħan-nies l'oħra fuk il Ligi civili: jigifieri xi uħud josservaŭha, oħrajn jicsruha. L'eŭŭlenin, hecc chif jilmħu kassis, malajr iħossu fihom gibda ta kima, għaliex fil kassisin jilmħu missier, ħabib, sur-mast tarruħ, chif il galantomi jirrispettaŭ u jistmaŭ il Pulizija imħabba l'u'Eccju li għandha. Imma l'oħrajn, u actarx is-suppervi, ix-xebbiet disonesti, is-scaren, il ħallelin, il vendicattivi, daŭc collha li tilfu il fidi, daŭc collha li f'ilsienhom ma għandhomx ħlief velenu, fil kassisin jilmħu bħal sbarra li iżżomm ir-rota tad-disordini taħħom, minnu jisimgħu il castig tal pŭieni tal infern, xi ċanfira li tmiss lil cunxenza taħħom, collha maħmuġa bid-dnubiet: jaraŭ insomma fiħ dac li il banavolji jaraŭ fil Pulizjia, u għalhecc xejn ma għandna nistagħġbu jecc jisħtuħ, jecc jobogħduħ, u igħidu contra tiegħu cull ħsara, chif il briccuni jobogħdu u jisħtu il Pulizija. Iddisprezzi, it-tkassis fuk is-Sacerdoti huma conseguenzi naturali tal ministeru sagru kuddiem il fidili li ma josservaŭx il ligi t'Alla: għalhecc mita naraŭ u nisimgħu il xi ħadd jiddisprezza, jitchellem contra il kassisin, ma ncunux temerarji jecc niġġudicaŭhom mixħutin f'xi disordnijet,f'xi vizzijet: għaldakstant in-nisrani li għandu il cunxenza maħmuġa kuddiem Alla,igħid li il kassisinhuma speci ta Pulizija tiegħu, mhux bix-xŭabel u bil ħabs, iżda bil priedchi, bil krar u b'għamil ieħor tal Ministeru sagru taħħom. B'dan jena urejt ir-ragiuni tat-tkassis contra il kassis; sorru dana collu u jena ngħaddi nitchellem mill'eŭŭel pregiudizzju.

L'eŭŭel pregiudizzju contra il kassisin. Dac li igħidu il kassisin igħiduħ għaliex il mestier taħħom igib li għandhom igħiduħ! Dana il pregiudizzju, li spiss joħroġ mil fomm ta bosta nies li xejn ma jaħsbuha, tinsab fiħ offisa cbira lis-Sacerdot, għaliex iħalltuħ ma cull mestier u ma cull sengħa. Jecc jena ngħid li il Magistrati, li Mħallfin, il Procuraturi Legali, il Professuri, it-Tobba, l'Avucati jagħmlu il mestier (is-sengħa) taħħom chif jagħmluħ il biċċiera, il bgħejjeja il ġobon, il bgħejjeja tal ħaxix, li scrapan, il ħajjata, il mastrudaxxi, il ħaddieda, nagħmel offisa cbira lilhom, għaliex l'uffizzju taħħom hu ŭisk actar nobbli u delicat minn dac tan-nies tas-snajja. U għaliex ma tcunx offisa acbar jecc inxebbaħ il Ministeru Sacerdotali lil xi mestier jeŭ sengħa. Min irid isir Sacerdot għandu jati prova li giê iddestinat mn'Alla għal 'dan li Stat, bħall Appostli, li daŭna ma sarux minnhom infushom, izda għaliex geŭ magħżula minn Gesù Cristu: *non vos me elegisti, sed ego elegi vos*: għandu jati provi ta tjubjia sħiħa, ġabra ta għerf li titlob tal ankas seba snin studji, mingħajr ma ngħoddu li studji elementari u ginnasjali, u gibda tajjba biex jaħdem fil għalka t'Alla, mingħajr ma jindaħal f' negozju u fl' affarijet tad-dinja. U għaliex, ngħid jena, ma tcunx ħaġa bil bosta ingiurjusa tħallat daŭna il personaġġi, veri ministri t'Alla u dispensaturi tal misteri divini, ma li scrapan, mal maxtrudaxxi, mal ħaddieda, u m'oħrajn hecc? ...San Paŭl chien igħid lill fidili taż-żmienijet tiegħu li għandhom jistmaŭ is-Sacerdoti chif jiġu stmati il ministri t'Alla: *sic nos existimet homo et ministros Christi...* Hadd ma għandu jieħu l'ardir ixebbaħħom lill ħaddiema, chif ħadd ma għandu ixebbaħ il Magistrati u li Mħallfin lill ħaddiema.

(*Jissocta*) DUN PIER BATTISTA AGIUS
*Cappillan ta ħ'Attard.*

Mil LUCERNA TAL ĦAJJA.—71. Indocra dejjem il ħames sensi tiegħec u jecc jirnexxilec żomm kalbec sâfja.

## X'igħidu għalina fuk il Cungress.

(*Jissocta mal għadd 78*).

Billi l'Eŭcaristija hi iċ-centru tal ħajja nisranija, mnejn il fidi mkaddsa tissaħħaħ u tilma bid-dija fil klub minn tagħna, u fejn jinsabu miġburin it-teżori collha tal grazzja, chien xierak ŭisk chif tas-seŭ ġara illi f'daŭc it-taħdidiêt li sâru fil Cungress, jissemmeŭ ħafna ħŭejjeġ illi fiż-żmenijêt tagħna kiegħdin iħabblu moħħ il għorrief u idejjku addoċċ, bla ma taf fejn takbad tati rasec, chif ucoll issemmeŭ bosta qŭestjonijêt ħalli jaraŭ x'ŭieħed jista jagħmel biex chiecu jitŭitta il għakkux, u ideŭŭi il marda u isîb ircaptu mnejn hì gejja l'imma li haŭn fis-*Società moderna*, Semmeŭ fuk li jinħtieġlu il bniedem għar-ruħu, u chif għandu ħajtu igħaddiha seŭ jecc icun igħix għaliħ ŭaħdu, u seŭ ucoll jecc miġbur mal familja; semmeŭ u marru ifissru collox ħaġa b'ħaġa chemm huma tas-seŭ meħtieġa il kima u gieħ mogħtijin ll'Alla b'għożża cbira u birrekka collha fil funzjonijet tal Cnisja, u b'chemm gid imkaddes jista' jistgħall dac li icun; semmeŭ chif il bniedem għandu jakdi dmiru talli hu; semmeŭ, semmeŭ mit elf ħaġa bil fehma għażiża u bit-tâma kaŭŭija li collox jisfa għad il-kuddiem ta glorja ll'Alla, ta gîd u barca fuk il ħlejjak. Iżjed ucoll chienet ħaġa li thenni il kalb xħin tara daŭc in-nies ilcoll bid-dmuħ jakbeż minn xfâr għajnejhom, hecc chif ma cull ħarġa tat-taħdita li issirilhom, daŭn il għorrief li tafu bihom jakbdu isemmulhom fuk il Papa. Il Papa f'daŭc il lakgħât tal Cungress chien kiegħed, tista' tgħid, daks chiecu hemmecc xorta ŭaħda: mhux biss għax deher għaliħ il Cardinal li bagħat haŭn minn f'locu, iżda l'actar ucoll għax il Papa jinsab isaltan b'għożża cbira ta imħabba fi klub cullħadd. Ir-rappresentant tiegħu, x'ħin jgħarrfu b'colma rà b'għajnejħ u mess b'idejħ f'da'l Cungress,tistgħu taħsbu chemm sej'icollu il għaliex jfarraġ kalbu. Biex actar juru chemm tas-seŭ il Papa chien dejjem kuddiem għajnejhom u chemm jafu jgħożżuħ f'kalbhom, chienu f'ŭakthom u għamlu tajjeb ħafna seŭ it-telegramma li bagħtulu huma, seŭ it-tŭegiba li bagħtilhom hu minn Ruma, u seŭŭa ucoll il ŭirja tax-xeŭka ta kalbhom,—chif mar igħid Mons. Heylen lil dic il migimgħa ta ħlejjak, filli jitolbu ll'Alla bil ħerka biex iżommu kaŭŭi sħiħ.

U haŭn ma nistgħux ma nsemmux il protesta li għamel dan Monsinjur Heylen fl'aħħar lakgħa tat-taħdita, li saret is-sibt fil għodu. Hu kabel xejn mar jati l'aħbar illi il Mażuni, fix-xahar ta Ottubru li gej, bi ħsiebhom jagħmlu *Cungress Internazzjonali* geŭŭa il belt ta Lisbona.

Żied igħid ucoll illi in-nies tal *Cumitat centrali* li jinsab fil belt ta Bruxelles (Bružell) dakkeŭ bandu u stkarreŭ illi b'dac il *cungress taħħom* li sejjrin jagħmlu, huma iridu juru u ifissru żeŭġ ħŭejjeġ: u l'eŭŭel ħaġa hi «filli jissieltu u jeħduha contra il Cnisja mkaddsa u ilumuha bl'icraħ b'daŭn il *Cungressi Eŭcaristici taħħa*, għax barra milli hi kiegħda tiddakkak u tiżżattat iż-żejjed, trid ucoll f'li stess ŭaħt tirghen bl'oħxon u tgħacches il mażuni u għamilhom.»

Il cliem ta Monsinjur Heylen kankal klub cullħadd, u daŭc il folol ta nies b'leħèn għôli u b'idejhom il fuk merfugħa għamlu saħansitra l'att tal fidi b'ħeġġa ta kima l'iżjed cbira.

Iva, Alla l'imbierec, bis-setgħa u fil għerf tiegħu bla kies, jaf, inebbet il ŭard mix-xeŭc u il għolliek;—u bħalma seŭŭa igħidu: Cull deni ħudu b'gid!

Barra mil lakgħat cbar li saru il Mosta, jaħtieġ insemmu l'oħrajn li saru ucoll f'bosta bnadi. Chienu taksîma taksîma, gemgħa gemgħa, bħalma mita dari chien haŭn il Cavalieri u cullħadd chellu il Berġa għalîħ, scond il lsien tal pajjiż li biħ jitħadtu.

F'daŭn il lakgħât, seŭ jecc aħna nkisu u nħarsu lejn il cotra ta ħlejjak li chien icun hemm cull darba, u seŭ ucoll jecc niżnu u ngħarblu tajjeb chemm huma tas-seŭ nies tal ħabta u il katgħa il għorrief li tħadtu, nsibu li collox ħabat seŭŭa biex compla għakkad il festi tal Cungress sal aħħar.

L'akŭa gemgħa chienet dic tat-Taljani, chif cullħadd jista' jobsor għal bosta ħŭejjeġ; u għad illi in-nies tal Cumitat ta din il gemgħa chien hemm xi ħadd li makdarhom u fittxilhom ix-xgħara fil għagina, (għax dan ma jitlgħali u dan ma jinżilli, u ħafna Ġŭanni u Martin.... u mhux hecc sejjra id-dinja?...), ma dan collu rnixxielhom bil għakal u is-sabar collu igibu il kuddiem bosta ħŭejjeġ ta gid u fejda cbira, bħalma huma l'adorazzjoni ta bil lejl, il cungressi *nazzjonali* u *djocesani*, it-tixrîd ta cotba u gazzetti li jitħadtu fuk l'Eŭcaristija mkaddsa, u x'naf jen.

Patri Poletti, minn Turin, bil chelma tiegħu ta veru għaref li hu, għaraf imiss il klub, u mar ifisser ċar chif daŭn il *Cungressi Eŭcaristici, djocesani, interdjocesani, nazzjonali*, maż-żmien għâd icunu, bil għajnuna t'Alla, trijonf cbir chif jigi minnu għar-Religjon tagħna nisranija.

(*Maklub bil Malti minn*
DUN GIUŻEPP FARRUGIA,
*Cappillan ta li Sptar Connaught.*)

## Il General tal Carmnitani.

Ma ilux ŭisk ġriet ix-xniha fostna li ma' idumx ma jigi Malta il General tal Ordni tal Carmnu biex imexxi il Capitlu għall ħatra tal Provincial, imma ftit ŭara sirna nafu li hu mhux gej u li għazel minn f'lôcu il Professur Patri Majjistru Anastasio Cuscheri biex imexxi minn f'lôcu il Capitlu billi libbsu bil libsa tiegħu u taħ is-setgħa sħiħa li għandu hu stess. Icun collu żeijed li ngħidu chemm gieħ tati lill Patri Cuschieri din il għażla għall kaŭŭa li biha giè imżejjen, u ucoll għax turi il ħila u il għakal li hu għandu u l'actar l'isem tajjeb li għandu fl' Ordni tiegħu, u dan bil ħakk collu.

Dan ħajjarna li ngħidu chelmtejn fuk il General tal Carmnu. Min hu il General? General tal Carmnitani hu il Ŭisk Rev. Patri Majjistru Piju M. Mayer, american, illi meta ra li saħħtu ma tħalliħx imexxi birrekka chif irid u chif jixrak il ħŭejjeġ tal Ordni, talab li ħaddieħor minn f'lôcu jieħu f'idejħ ir-riedni tal ħacma; għalhecc il Papa Piju X laka' it-talba tiegħu b'degriet tal Congregazjoni *de Religiosis* tas-26 ta Ġunju 1912 u għażel minn f' lôcu il Ŭisk Rev: Patri Majjistru Joseph Llovera spanjol, bis-setgħa, mal consill tiegħu, scond il ligi tal Cnisia u dic tal Ordni, li imexxi l' Ordni collu tal Carmnitani Osservanti.

L'imsemmi degriet żamm lir-Rev: Patri Mayer daŭn il Privileġġi:

1.—L'isem ta General u il jedd li jieħu fl'Ordni l'eŭŭel post tal unur (dan juri ċar li hu l'akŭa ŭieħed fil gerarchija carmnitana).

2.—Li jokgħod f'liema cunvent irid u li il caxxa tal Ordni taħsiblu għall'ispejjes collha. 3— Għal cull Cunvent ġdid li isir għandha tcun l'eŭŭel ŭaħda mismugħa il chelma tiegħu. 4— Ma isir ebda Provincial titulari mingħajr il cunsens tiegħu. 5— Huma meħtieġa is-sigill u il firma tiegħu: *a*— għal dauċ li iridu is-setgħa li jictbu fil Abtu imkaddes, *b*— biex jitŭakkaf l'ordni tat-terzjari, *c*— biex titŭakkaf il cumpanija tal Carmnu. Għall ħŭejjeġ l' oħra collha għandu setgħa sħiħa il *Vigarju* General Patri Joseph Llovera u lilu il Carmnitani col-

lha għandhom jobdu u iżommu b'Superjur taħhom.

Patri Llovera tŭieled f' Castello d'Ampurias, Spanja, fis-17 ta Dicembru 1874. Imsejjaħ għall ħajja religiusa għażel l'Ordni tant venerabbli tal Carmnitani u libes fit-12 ta Novembru 1896, għamel il professioni semplici fis-17 ta Novembru 1897, solenni fis-7 ta Marzu 1900, giè ordnat Ruma fl'14 ta April 1900. Chien Pirjol fl'1903 u fl'1907, segretarju tal provincial fl'1904, superiur f'Barcellona fl'1909, Provincial fl'1910, Procuratur generali fl'1911 u laħak Vigarju General fl'1912. Iż-żmien tiegħu, il carriera li għadda u l'actar il għażla tal aħħar, jatu l'isbaħ certificati tal għerf u tat-tieba tiegħu. Il ctieb tiegħu b'li Spanjol *Tratado elementar de sociologia cristiana* rebaħ l'eŭŭel premju ta elf *pesetas* (bejn ŭieħed u ieħor daks 35 lira sterlina:) u hu giè maħtur bħala socju onorarju tal *Acción Social Popular* ta Barcellona. Patri Llovera bagħat copja tal ctieb tiegħu lill Papa li b'ittra tal Cardinal Merry del Val, Segretarju tal Papa, faħħarlu ix-xogħol tiegħu u taħ il benedizjoni apostolica.

Hecc rajna is-setgħa li biha jinsab u jibka' imżejjen il Professur Patri Cuschieri fl'Ordni tiegħu sachemm imexxi il Capitlu għall għażla tal Provincjal, rajna x'kaŭŭa għandu il General Patri Mayer, u min hu, x'in hu u x'kaŭŭa għandu il Vigarju General Patri Llovera.

Jalla collox jirnexxi għall gid tal Cnisja Cattolica, u għall'unur tal Ordni tal Madonna tal Carmnu. *Fiat.*

ED: ASCIAK MIFSUD P. L.

## Ma dûarna.

It-Tabib Gustavu Busuttil, li sicŭit jibgħatilna għall *Habib* ħŭejjeg tal fejda għar-ruħ u għall gisem, din id-darba hejjelna 26 *Massma* fuk it-*Talb*, ŭaħda isbaħ mill'oħra: iżda illum, biex ingibuhom collha, inzertajna mgħobbijin ŭisk bl'articoli sagri; u kalbna ma tatniex li nkassmuhom, għax nitilfulhom ġmielhom collu. Mela, jaħtieġ inħalluhom għall gimgħa id-dieħla.

—Ma gibna xejn fuk il *Ŭirja* ta Għaŭdex, chif conna ŭegħdna, għax aħna ma conniex hemm u min ittamajna li jictbilna ħalliena nistenneŭ.

—Sabiħ tas-seŭ id-*Discors* li bagħtilna minn Montreal is-Sur James L. Borneasy (Bonnici)—*Discors* bl'Ingliż, li, chif tgħid l'ittra tiegħu, chellu jagħmlu lbieraħ għall ftuħ ta *Xirca ġdida bejn il Maltin tal Canada*: imma tŭil ŭisk għalina. Il *Habib*, fiċ-ċocon tiegħu, irid jakdi lil ħafna nies. Niżżu-ħajr lis-Sur Bonnici, li dejjem jiftacar fina: u nifirħulu b'kalbna collha, mhux biss għax irnexxielu jara mgħakkda din ix-*Xirca bejn il Maltin* ta hemm, li ilu ħafna iħabrec għaliha; imma ucoll għax sicŭit jictbulna chemm jakbeż għall'*Emigrati* tagħna u chemm sacrificci ta cull xorta jagħmel maħhom.

—It-Tabib Mattei chiteb ucoll mil Canada ittra tŭila-tŭila lill *Malta Herald*, fejn talbu, fil bidu taħħa, li jati copja minnha lill *Malta Chronicle*, lill *Gazzetta di Malta* u lill *Habib*, għax jixtiek li tidher fihom ucoll; u id-Direttur tal *Malta Herald*, li jaf dmiru biż-żejjed, chien pront bagħtilna il copja tagħna. Imma għal fejn nokogħdu ngibu li storja tal vjaġġ collu ta daŭc li marru miegħu? Tad-19 li geŭ l'ura minnhom, conna diġà nafuha kabel ma chiteb hu; u tal oħrajn ngħarfuha f'kasir żmien mill'ittri li jictbu huma stess lill familji taħhom. Hadna gost li, huma u sejjrin, daru bihom ħafna il Maltin il cbar ta Londra u ta Toronto: imm'actar nixtieku nafu chif isiburuħhom fil *British Columbia*. — F'chelma ŭaħda, aħna u la ħaġġiġna għall'*Emigrazzjoni* fil Canada u la ktajna kalb il Maltin minnha: iżda, chif jafu u kiegħdin jistkarru il karrejja tagħna collha, dejjem sammajna, bla partit, iż-żeŭġ kniepen, biex cull-ħadd ikis b'kiesu: imm'issa, li donnha gejja it-tieni tal Brażil, irridu naħslu idejna għal-collox!

— Niżżu-ħajr lill'*Amministrazzjoni tal Propagazzjoni tal Fidi*, li għoġobha is-sena ucoll tibgħatlina l'*Annali* bil Malti: u ma nibkgħux ma nakraŭx dac il ctieb, li minnu dejjem għandna nitgħallmu bosta ħŭejjeġ. Narġgħu nitchellmu fuku: imma ngħidu mn'issa li min irid jaf xi trodd fi żmienna ucoll il ħrara tas-Sacerdoti u tas-Sorijet Cattolici għat-tixrid tal Fidi ta Cristu f'dac il *Mera* għandu iħares!

—L'articuli *Alla Magħna* ta D. C. P. (tliet ittri magħrufa ħafna mil Karrejja tal HABIB), *Il Vessuvju* tas-Sur Micallef-Goggi u l'*Ittra mil Canada*, għall gimgħa li gejja.

—Sabiħ ŭisk dac li chitbilna is-Sur Micallef Goggi fuk is-sinjal tal *għajn* fil chitba bil Malti, b'risposta f'ŭaktha għal dac li għedna aħna il gimgħa li ħarget; u li, chif kâl hu, chien tgħallmu minn għand is-Sur Dŭardu Cachia, Alla jatiħ il Genna: imma, ja ħasra!, ma nistgħux ingibuħ stampat haŭn, għax, bħalma ma għandniex it-tîpa maltija *g* u *h* imŭaħħlin flimchien, li tant nixtieku biex nagħżlu il *gh* ta *ghidien* (CAPRETTI) mil *gh* ta *ghidien* (PASQUE, FESTE), hecc ucoll ma għandniex it-tîpa *h* b' żeŭġ katgħiet f'rasha biex nagħżluha mill'oħra b'katgħa ŭaħda. Bil pinna f'idec, tħażżeż li trid: imma iż-żelluma issibha f'li stampa! Chiecu chellna it-tîpa *h* b'żeŭġ katgħiet għall'*eħħe* u it-tîpa *h* b'katgħa ŭaħda għall *għajn* bla leħen fiha in-nifsha (chif irid is-Sur Micallef-Goggi), baħrin aħna! Imma ma għandniex: u mingħajrhom inkas dac li chitbilna hu ma jista' jiftiehem! Tchellimna eluf ta drabi fuk dan mas-Sur Dŭardu Cachia u mal oħrajn collha ta żmienu!

— Fl'aħħar mument, chellna inħallu għall gimgħa id-dieħla l' articlu *Hmerija oħra*, ta *Dun Manŭel*, li conna diġà stampajna u conna tajnieħ chif jixraklu il post tal onur.

## Minn gimgħa għal oħra.

*23 ta Aŭŭissu*— It-tabib Mattei, dac li chien siefer b'sebgħejn ŭieħed miegħu għal Canada, bagħt ittra lil *Malta Herald* fuk il vjaġġ li chellhom minn haŭn sa *Havre*. Ma satgħax, chiteb fl'ittra, icun agħar; mixħutin taħt il cverta ma cotra oħra cbira ta nies, li chienu ricbu minn Tunes, u mdejjkin bil ħŭejjeġ, li daŭn ġarru magħhom u bit-tagħbija, cagħbarhom għal meŭt il baħar. Tazza mishun chien hemm min ħallas għaliha żeuġ soldi. Marsilja kegħduhom u temgħuhom aħjar.

Haŭn ħabbathom ŭisk tifel, li chellhom magħhom u ntilef ġol belt; sabuħ filgħaxija l'istazzjon tal ferrovija. Minn Marsilja għal *Havre* raġa chellhom vjaġġ mgħarrak bħal kabel. Is-sur Mattei, bit-tir li jilħak kabilhom *Havre* telak għal haŭn minn *Taves* magħ tren ieħor; imma laħak nofs siegħa ŭarajhom mħabba fis-servizz ħazin; u meta ŭasal sab li gà chienu ftehmu magħ tal lucanda, u tħabtu mux ftit sa sabu ilcoll ħŭejjiġhom bit-taħŭid li sar. Haŭn biex rakdu u chielu ħażin ħallsu tliet *franchi* (tmientax irbigħi) ir-ras colljum. L'għada, ma chienx jistenniha, giè nvistahom tabib minn tas-sanità, u sab lil ħafna minnhom morda b'għajnejhom; tahom żmien tmienja u erbgħin siegħa biex iŭarrbu minn *Havre*. Chienu sbatax il ŭieħed daŭn. Is-sur Mattei ma katgħàx kalbu u minnu fiħ telak għall Londra (tmien siegħat bogħod minn hemm), tħabat minn haŭn u tħabat minn hemm, itlob lil din ir-ras cbira u lil dic, kala fl'aħħar li daŭc is-sbatax isiefru għal *Portsmouth* u jidħlu f' isptar hemm biex jagħmlulhom il cura u mbagħad jimbarcaŭhom għall Canada. Imma meta raġa l'ura *Havre*, collma chien għażel sarlu suf, għax daŭc is-sbatax, u magħhom żdiedu tnejn oħra, ma riedu jafu b'xejn u ŭebbsu rashom li jarġgħu l' ura għall Malta. Is-sur Mattei che lu iroddilhom il flus u huma rħeŭlha l'haŭn, chif gà ħabbarna. L' oħrajn, li ma ntakgħux magħ għaŭġ actar, issoctaŭ il vjaġġ għall Canada fuk is-*Sicilian* tal *Allen Line* u naħsbu li sa'l-lum ŭaslu bissliema. Is-sur Mattei igħid, li meta geŭ biex jitilku ŭiċċhom ried itir bil ferħ, u li il captan issaħħar ŭarajhom jara daŭc il ġmiel ta rgiel mibrumin f'saħħithom donnhom ċagħca. Imma issa naraŭ dac il ferħ jisfgħax f'bichi, u dac il captan għandux jitħassarhom daŭc li kabel tgħaxxak bihom. Għax m'ilu xejn giè ŭieħed mil Canada, li chien igiblec ħniena bis-sura li sar il ftit li dam hemm, chien kisu kam minn xi marda tŭila tad-deni. Nittamaŭ li ma icunx hecc minn daŭc li ħa' miegħu is-sur Mattei, għax hu jieħu ħsieb ikegħdhom tajjeb.

*24 ta Aŭŭissu*—Il bieraħ ŭara nofs innhar iċ-Circlu sar *meeting* għan-nies tax-xatt. Kanklu u mexxieħ is-sur Mizzi tal *Gazzetta di Malta*, u miegħu issieħbu il ġurnali collha u l'akŭa nies tal cummerċ. Beda fl'erba' u nofs u spiċċa ŭara is-sitta. Is-sur Mizzi kara Petizzjoni (talba) lil Gvernatur, biex it-tagħbijet jibkgħu jinħattu minn ġo l'istivi bin-nies ta daŭc li għalihom icunu, ŭara fissirha biċċa biċċa u ŭera biċ-ċar li b'dac li għamlu l'Agenti tal vapuri chienu sejjrin jitħaxxnu actar huma u joktlu bil ġuħ mitejn u ħamsin familja. Tchellmu oħrajn ŭarajh, li riedu li tindaħal il Pulizija fil biċċa, u fl'aħħar għaddiet il Petizzjoni. Is-sur Hammer, li chien jippriesidi, u bosta oħrajn li chienu hemm niżżlu xi flus, mit lira b'collox, biex icomplu jaħdmu sachemm jgħalbu huma u magħhom is-seŭŭa u'l ħakk.

*25 ta Aŭŭissu.*—Is-sibt u'l ħadd li għaddeŭ chienu jumejn tad-dissgrazzi. Il Mosta, xieħ ta tnejn u tmienin sena ŭaka' mittieka u l'għada miet l'isptar; l'Imġarr, xieħ ieħor miet ġobtu ŭakt li chien il cnisja; il belt, carrozzin nvesta xieħ, li chien ħareġ mill Imghieret biex imur jara lil niesu; tas-Sliema, sinjur, li chien mar bil familja għal festa ta Stella Maris, hecc chif niżel mil Lancia taħ ħass ħażin u baka' taħtu; Marsaxrocc żagħżugħ marradi mar jgħum u baka' jebes ġol baħar; il belt tifel ta ħmistax il sena, li chien rieked fuk sur għal frisc, tgħerbeb għal isfel u chisser għadmu. Għad fadal? L'antichi chienu chiecu ibaħħru, għad li ma nafx x'in hu li ifisser it-tbaħħir, li actarx hu gejj minn żmien kabel ma missierijetna saru nsara. L'ebda ctieb *liturgicu* (ta *ceremonji*) tal cnisja u l'ebda ctieb taddevozzjoni ma jitħadtu fuku. Il Cnisja barra mil incens taħrak biss xi ħaġa mbierca li kdiemet, biex ma timtremiex jeŭ tinxteħetx l'haŭn u l'hinn bħala ħaġa li ma isservix iżjed. X'actar? Il Cnisja tbierec iż-żebbuġ biex nżommuh u bil kaŭŭa li tatih għal ħniena t'Alla il barca tagħha jeħlisna mittiġrib tal għadu. Issa, jecc taħarku, tekerdu. Labtu, domna ma taħrakhomx, imma iżżommhom fukec bl'acbar għożża.

—Il Petizzjoni tan-nies tax-xatt, li semmejna kabel, id-Dr. Ġużè Mizzi bagħtha is-Segreterija tal Gvern, biex minn haŭn tgħaddi għal idejn il Gvernatur; u is-Sottoscrizjoni laħket £165. Meta jinkaras bûtna, nafu nsibuhom il flus, imma mux biss għal interess

tagħna, imma għal gid ucoll tal pajjis għandna nifthu idejjna meta jinħtieġ.

*27 ta Aŭŭissu* —Il Gvern ħareġ ligi li id-dgħajjes, icunu x'icunu, għandhom igibu fil pruŭa minn banda u mil oħra numru u l'ittra S. In-numru jatiħ is-Soprintendent tal portijet u jigi mniżżel fl'ufficcju tiegħu flimchien mgħal isem ta min tcun id-dgħajsa jeŭ xi tcun. Taxxa oħra baxx baxx.

—Daŭc li telku għall Canada mgħat-tabib Mattej fit-tmienja ta dan ŭaslu *Winnipeg*. Fl'istazzjon sabu xi Maltin, milli hemm, li marru jistenneŭhom għaddejjin biex jifirħu bihom u jagħmlulhom il kalb. Hecc jagħmlu l'aħŭa tas-seŭ. Ġurnal ta *Toronto* tenna dac li chien kal il captan tas-*Sicilian*, li il Maltin, chif stkarru hemm collħadd, huma l'isbaħ razza ta nies fost l'emigranti collha li s'issa marru il Canada. U mela dejjem fuk ŭiċċna u katt żegħila !

—L'Imġarr il Pulizja arrestat lil Ġusepp Agius, li chien ħabat bil gebel għal Luka Bezzina. Alla ried li ma laktu l'ebda ŭaħda seuŭa, għax chien iħallih mejjet.

—Il Gvern jgħarraf, għal finijet tal Ligi, li Smirni hija mittieħda bil colera.

*28 ta Aŭŭissu*—Bis-saħħa tal Gvernatur li għandna, fil Congress ta Londra li sar m'ilux, id-deni rkik, li s'issa chienu isejjħulu *febbre maltese*, deni ta Malta, taŭħ l'isem ta *febbre ondulatoria*, jigifieri li jitla' u jinżel bħal meŭġ, *onda* tfisser meŭġa. It-tabib Mr. Bruce stkarr kuddiem il Congress, li hu chien sejjaħ il *microbu* tad-deni *micrococcus melitensis*, għax chien chixfu Malta, meta chien għè haŭn biex jistudja fuk id-deni, u mux għax di'l marda hi tal gżira ta Malta biss. F'ħajjet Alla, fl'aħħar sar il ħakk magħ Malta u refgħulha gieħħa, u ta dan għandna nafuħ lil Gvernatur, li jistħokklu fukhecc coll tifħir u aħna niżżuħ ħajr mil kiegħ ta kalbna. Chienet tas-seŭ tixraklu ta President Onorarju tax-Xirca li saret biex tigbed il frustieri l'haŭn.

—L'Agenti tal vapuri donnhom bdeŭ icjedu, għax il Cumpanija tal *Adria* u id-*Ditta P. Cutajar e Co* avsaŭ li il mercanzija mil America, li titgħabba mgħal vapuri li jagħmlu minnhom huma, mil portijet ta *Trieste Amborgo* u *Brenon*, jbkgħu jicconsinjaŭha abbord. Iż-żejd għè f' uiċċ l'ilma. Mela m'hux minnu li il vapuri jitilfu iż-żmien jecc ma jithottux bin-nies tagħhom ? Għax li chien hecc, daŭn iż.żeuġ Agenzji ma chienux jarġgħu l'ura milli chienu katgħu u ftehmu mgħal oħrajn.

Il Habbàr.

## Ma dûar id-dinja.

*Balcani*—Jecc xejn ma jinkala' mil ġdid il ħŭejjeġ tal Balcani sejjrin għall'aħjar. Tant li Stati chemm il Potenzi tal Eŭropa huma immejlin iħallu Adrjanopoli lit-Turchija, taħt condizjonijet, li hia titma li icun jogħġbu lil colħadd.

Iżda demm tajjeb bejn il popli tal erba' Stati ma donnux hemm. Il Grieghi, li semgħu li il belt ta Melenikon għandha tgħaddi taħt il Bulgarja, ngemgħu u ftehmu li kabel ma iħallu djarhom iħarbtu dac collu li ma icunux jistgħu igorru magħhom; mil cnejjes neħħeŭ li xbiħiet tal kaddisin, sabiex ma jiġux imżebilħa mil Bulgari. Chemm inbejjed u żjut chellhom irħeŭlhom jigru mattriekat. Kerdu id-dŭieli collha, taŭ in-nar f'erba' parti tal belt, li ma ħalleŭx kabel ma raŭħa ħuġġieġa ŭaħda.

Xorta ŭaħda ġara f'Tsartsouo.

*Messina*—Is-sibt tat-23 ta Aŭŭissu f'Messina bejn il ħamsa u's-sebgħa ta filgħodu tempesta liema bħalha ġrat ta riħ, xita u silġ oħxon;—il ħsara chienet bil bosta cbira chemm fil belt u chemm fil campanja; id-djar għarku bl'ilma u in-nies, biex isalvaŭ, chellhom joħorġu mit-tŭieki: inchixfu oskfa, infetħu djar, u tchissru u inġarru pontijet.

*Aŭstrja*—L'imsejchen Vici Armirall Conti Von Vellenburg, li fin-numru ta kabel għidna li chellu sakajh imtajjra meta scoppja il canun, mjet ŭara xi jumejn. Chellu 61 sena, ħalla il mara u tliet titfal. Lilu u lit-tliet baħrin, li ħalleŭ ħajjithom miegħu fl'istess disgrazzja, sarulhom funerali mil icbar.

*Inghilterra*—Minn bosta u bosta snin cull-tant isemmu taħfir ta canal bejn l'Inghilterra u Franza, u dejjem mar collox mgħariħ. Iżda dina id-darba donnu sejjer iseħħ, u actarx ix-xogħol jinbeda is-sena li gejja, meta ir-Re Ġorġ imur żjara fi Franza. Igħidu li icun hemm triek għall ferrovija u oħra għall aŭtomobli.

*Il Flotta tal Mediterran*— L'armirall, il fizzjali u in-nies f'Filippiville chellhom lakgħa sabieħa bosta mill' Autorità u mil populazjoni— u it-triekat chienu mżejna. L'armirall tà *General leave*, u il fizzjali u il baħrin, li żaru il belt u il campanja, chienu milkugħa b'ferħ cullimchien.—L'armirall tà il permess lil populazioni, li jistgħu iżuru il bastimenti —Intagħtaŭ pranzijet u lejla ŭaħda l' Armirall niżżel il baned collha idokku fl'art.

*Canada* — Ingħad li meta is-sena li gejja id-Duca ta Connaught jispiċċa minn Gvernatur, igħaddi min f'locu ibnu, il Princep Arturu ta Connaught.

*Franza*— Disgrazzja oħra ġrat l'Areoplan— fil ŭakt li De Montalant u l'inginier Metivier chienu jittajjru fil għoli ta 80 kasba mill' art u eluf ta nies chienu jaraŭhom kam riefnu hecc kaŭŭi,li donnu ġagħalhom jixħtu l'Areoplan lejn il baħar. Iżda giethom fart; De Montalant ŭaka' ġo dgħajsa u Metivier fuk il mol u bakgħu ittnejn mejtin.

*Lourdes*— Il ġurnal « Echo de Paris » igib miraculu, li ġara' fil Grotta ta Lourdes. Certa Maddlien Lupiac ta 35 sena minn Toulouse, li chienet paralitica, chif stkarru bosta tobba, fieket f' dakka ŭaħda chif tkarbnet kuddiem il Grotta. Għalchemm minn snin ma chienetx tista tkankal rigilha,telket il crozzi u mxiet kalb in-nies, li chienu hemm miġmugħa, b'għageb u ferħ tagħhom liema bħalu.

*Cardinal Bourne*—Mgħal għodŭa tat-23 ta Aŭŭissu il Cardinal Bourne ŭasal f'Boulogna sur mer (Franza) imsieħeb mgħal Iskof ta Arras. Għè milkuħ mil Cleru collhu, u f'carrozzi miftuħa ŭassluħ fil Presbiterju, fejn sar riceviment cbir. It-triekat chienu mżejna bi bnadar ingliżi u franciżi u migimgħa ta nies fit-triekat għamlulu lakgħa bil bosta sabiħa. Filgħaxija il Mayer tal belt stieden privatament lil Cardinal.

*Messicu*— Il ħŭejjeġ kiegħdin jitħaŭŭdu u il President ta li Stati Uniti għarraf lissudditi Americani sabiex bla telf ta żmien iħallu il Messicu.

L. M. C. G.

## Chitbulna:—

Str. S. Francesco No. 72.
Floriana—Malta.
26 Agosto 1913.

Sur Muscat-Azzopardi,
Direttur tal *Habib*.

Nitolboc jecc ħaġa tista tcun illi tippublicali fil gazzetta popolari tiegħec il *Habib* daŭn l'erba chelmiet li jena irceveit f'ittra mibgħuta fit-tmienia ta Aŭissu li aħna fieħ minn għand il maħbub ħia li jinsab fi New York, l' America, hua u xi diversi Maltin sħabu illi daŭna biex igibu il familja il kuddiem, u il għaliex scars bil ferm ix-xogħol tat-tarzna, fejn chienu huma jaħdmu, chellhom jitilku mil post li chellhom mid-Dockyard, u itturrufnaŭ ruħhom imbiegħdin mil ħbieb u mil għeziez familji taħhom.

Dana tant a nom tiegħu u ta sħabu chitibli illi il biljetti, li ħadu minn għand is-sur Michele Darmanin (Agent) nefku fihom għandu 180 franc u fil mentri chien hemm min ħadhom minn band'oħra 160 franc. Appena niżlu fil crucetta taħhom, sabu ruħhom kalb 350 għarab u toroc, u l'intiena li chien hemm chienet insopportabbli, saħansitra chellhom iħallu il post li chellhom malajr; meta għaddeŭ ftit siegħat, irricorreŭ għand il cumissarju ta abbord, fejn kalulu li ma jistax icun li jokogħdu hemm isfel (fejn chienu kabel), kalb daŭc l'intejjen u insetti li chien hemm jeżistu; irrispondihom, illi jecc iridu ibiddlu il post għandhom iħallsu 25 fr. u 20 c. cull ŭieħed: ħia flimchien ma daŭn il ħbieb tiegħu Maltin ħallsu dina is-somma u ŭara ta hom cabina mhux ħażin żejjed.

Riguard l'ichel ma satax icun agħar milli chien: f'dana il viaġġ collu chienu jitimgħuhom: ross mgħolli, piselli mgħollija, xi ftit għagin irkik mgħolli taparsi igħidulu brodu, u l'akŭa ichel chien icun xi biċċa speci ta buljut, u xi ftit kisu pickles; għal dana collu il maħbub ħia flimchien ma daŭna li haŭn isfel imniżżel isimhom, bgħatu lili (peress li kabel ġagħalthom jixtru il biljetti minn għand is-sur Darmanin) biex nispiegalu a nom taħhom din ittbatija illi huma soffreŭ, u jitolbuħ dan l'agent (għalchemm, forsi, hu ma għandux tort) illi meta icollu xi emigranti oħra, illi icunu Maltin, jinformahom ŭisk aħjar, għaliex fl'ittri bgħatu igħiduli li chiecu daŭna ma chellhomx flus sgur li chienu imutu bil ġuħ u bit-tbatija li chien icollhom sa chemm jaslu fi New York.

Għoddni dejjem,
serv fidil tiegħec
u sociu tal *Habib*
Giuseppe Portelli,

A nom ta daŭn li haŭn imniżżel isimhom:

| | |
|---|---|
| Paolo Portelli<br>Paolo Cilia La Corte | minn Bormla |
| Emmanuele Cefai<br>Roberto Cefai<br>G. Landi | mill'Isla. |

†

Itolbu għar-ruħ il
Canôncu Decan
DUN CARM MOUSÙ BORĠ,

li miet, daŭn il ġranet. Chien Sacerdot tarrekka f'għamilu collu u gentlom cbir fl'imgiba tiegħu.

Il Culleġġjata tal Isla, li ħadem ŭisk għaliha, chellha telfa cbira.

Alla jatiħ id-daŭl tal Genna.

### KAŬL MALTI.

Agħmel il gid u insieħ, għax għad icun haŭn min jiftacar fiħ.

### MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

MONOVERB
(*Xarada ta chelma ŭaħda*).
(3)

______
______
b
______
______

S. S.

L'aħħar *Monoverb* chien:
*Midfun.*

Ma taŭx tifsira tajjba ħlief is-sinjuri G. Attard u P. P. Borġ, it-tnejn mil Belt.